MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Rikors Numru. 11/2003/1

**Illum, 9 ta' Gunju, 2003**

**Rikors Nru: 11/03**

***Alfred u Rita konjugi Attard***

***versus***

***Joseph u Imelda konjugi Tabone***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi huma jikru l-fond 'Autumn Garage' f'St Edward Street Paola lill-intimati versu l-kera ta' Lm70 (sebghin lira

Maltin) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem, prossima skadenza fil-21 ta' Novembru 2003.

Illi l-ahhar kera li accettaw ir-rikorrenti kien fil-21 ta' Novembru 2001.

Illi l-intimati ghamlu hsara hafna fil-fond.

Illi r-rikorrenti ghandhom il-htiega jiehdu lura dan il-garage ghall-htigijiet ta' Simon Attard li jigi iben ir-rikorrenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex dan il-Bord ghar-ragunijiet premessi joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond Autumn Garage St Edward Street Paola, u dan wara li jordna l-izgumbrament minnu tal-inimati fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat ghal dan l-iskop.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-intimati debitament notifikati la pprezentaw risposta u lanqas deheru biex jikkontestaw it-talba.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jergghu jiehdu f'idejhom il-fond Autumn Garage, St. Edward Street, Paola; ghall-ghan ta' tkeccija jaghti xahar (1) zmien m'illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

Dep/Reg

Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------